



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Settembru 2018  
(OR. en)

12032/18

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2018/0288 (NLE)

---

FISC 350  
ECOFIN 812

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

---

## **DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta'...**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE  
li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura  
ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE  
dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2009/1013/UE<sup>1</sup>, ir-Repubblika tal-Awstrija (Awstrija) ġiet awtorizzata biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mid-Direttiva 2006/112/KE ("miżura speċjali"). L-applikazzjoni tal-miżura speċjali mbagħad ġiet estiża bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2012/705/UE<sup>2</sup> sal-31 ta' Diċembru 2015 u bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2428<sup>3</sup> sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (2) Il-miżura speċjali tidderoga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw id-dritt tal-persuni taxxabbi li jnaqqsu t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq il-merkanzija u s-servizzi fornuti lilhom għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbi tagħhom. Il-miżura speċjali hi maħsuba biex teskludi, mid-dritt tat-tnejjix, il-VAT fuq il-merkanzija u s-servizzi meta l-persuni taxxabbi jużaw dawn il-merkanzija u s-servizzi, f'iktar minn 90% tal-każijiet, għal finijiet privati jew għall-finijiet tal-impiegati tagħha, jew b'mod ġenerali għal finijiet li mħumiex tan-negozju jew għal attivitajiet mhux ekonomiċi.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2012 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 348, 29.12.2009, p. 21).

<sup>2</sup> Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2012/705/UE tat-13 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2009/791/KE u d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE li jawtorizzaw lill-Ġermanja u lill-Awstrija rispettivament li jkomplu japplikaw miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 319, 16.11.2012, p. 8).

<sup>3</sup> Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2428 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2009/791/KE u d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE li jawtorizzaw lill-Ġermanja u lill-Awstrija rispettivament ikomplu japplikaw miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 334, 22.12.2015, p. 12).

- (3) L-għan tal-miżura speċjali huwa li tissimplifika l-proċedura tal-intaxxar u tal-ġbir tal-VAT.
- (4) Permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-23 ta' Marzu 2018, l-Awstrija talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura speċjali, skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (5) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fl-4 ta' April 2018, l-Awstrija bagħtet rapport dwar l-applikazzjoni tal-miżura speċjali li jinkluži analiżi tar-rata ta' tqassim applikata għad-dritt ta' tnaqqis tal-VAT kif meħtieġ mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE.
- (6) Il-Kummissjoni bagħtet it-talba mressqa mill-Awstrija lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata l-11 ta' April 2018, b'konformità mat-tieni subparagraph tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE. Permezz ta' ittra datata t-12 ta' April 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Awstrija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (7) Skont l-informazzjoni li bagħtet l-Awstrija, is-sitwazzjoni legali u fattwali li ġġustifikat l-applikazzjoni attwali tal-miżura speċjali ma nbidlitx u għadha teżisti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Awstrija tkun awtorizzata tkompli tapplika l-miżura speċjali għal perijodu ulterjuri ta' żmien, iżda dak il-perijodu jenħtieġ li jkun limitat sal-31 ta' Diċembru 2021 biex ikunu jistgħu jiġi analizzati l-ħtieġa u effettività tal-miżura speċjali u tar-rata ta' tqassim tal-użu kummerċjali u mhux kummerċjali li din tissejjes fuqha.

- (8) F'każ li l-Awstrija tqis li jkun hemm bżonn ta' estensjoni oħra tal-awtorizzazzjoni wara l-2021, jenħtieġ li tibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-miżura, li jkun jinkludi analiżi tar-rata ta' tqassim applikata, flimkien mat-talba għall-estensjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2021, sabiex il-Kummissjoni jkollha biżżejjed żmien biex teżamina t-talba.
- (9) Il-miżura speċjali ser ikollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali ta' taxxa miġbura fl-istadju tal-konsum finali u mhux ser ikollhom impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprii tal-Unjoni li jingħabru mit-taxxa fuq il-VAT.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

L-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE huma sostitwiti b'dan li ġej:

### *“Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 168 u mill-Artikolu 168a tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Awstrija hija awtorizzata teskludi kompletament it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imġarrba fuq il-merkanzija u s-servizzi mid-dritt ta' tnaqqis tal-VAT meta dawk il-merkanzija u s-servizzi jintużaw, f'iktar minn 90% tal-każijiet, għall-finijiet privati ta' persuna taxxabbli jew tal-impiegati tagħha, jew b'mod iktar ġenerali, għal finijiet li mhumiex tan-negozju jew għal attivitajiet mhux ekonomiċi.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021.

Kull talba għal estensjoni tal-miżura ta' deroga prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2021.

Flimkien mat-tali talba għandu jintbagħat rapport dwar l-applikazzjoni ta' din il-miżura li jinkludi analiżi tar-rata ta' tqassim applikata għad-dritt ta' tnaqqis tal-VAT abbażi ta' din id-Deċiżjoni.”

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*